**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Gerada)**

**vs**

**Leishi Andoil**
**Ermal Mekshi**

**Sommarja**

**Illum 3 ta' Lulju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Leishi Andoil** detentur tal-passaport Albaniz bin-numru BJ2719722 u **Ermal Mekshi** imwieled l-Albanija fil-25 ta' Settembru 1989 u huma akkuzati talli :

1. Fit-2 ta' Lulju 2019 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer jew fi bnadi ohra ffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'dokumenti jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokumenti li huma kienu jafu li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom, u cioe kellhom fil-

pussess taghhom karti tal-identita Griegi foloz bin-numru AK 835346 u AM 638254 ( Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll akkuzati talli matul l-istess zmien, lok u cirkustanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmijja (Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
3. Kif ukoll akkuzati talli matul l-istess zmien, lok u cirkustanzi minghajr awtorita legittima uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokumenti, mehtiega ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni li jkunu ffalsifikati (Artikolu 32 (1f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrati fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsultaw mal-avukat Christopher Chircop li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA

Il-Qorti taqbel mal-Uffiċjal Prosekutur li, minkejja kollox, ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt illi l-Ligijiet tal-Immigrazzjoni ta' dan il- pajjiz gew miksura f'dan il-kaz. L-anqas ma tista' tinsa' li dan it-tip ta' reati sar ħafna iktar komuni tant li sar fenomenu kostanti. U bir-rispett kollu, mhux acċettabbli li persuni jkomplu jidħlu jew johorgu fit-territorju nazzjonali b'dokumenti foloz fejn jippruvaw iqarqu bl-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni tal-Istat Malti u dawk barranin.

Għalkemm mhux neċessarjament li huwa hekk f'dan il-kaz, fil-prinċipju dawn ir-reati jistgħu jimminaw anke s-sigurta' tal-pajjiz. L-Istat Malti għandu jkollu interess qawwi li jkun jaf sewwasew l-identita' vera ta' min ikun dieħel fil-pajjiż u dan, kif ingħad aktar il-fuq, fost affarijiet oħra, ukoll għal raġunijiet ta' sigurta interna – b'mod partikolari fi żminijiet ta' taqlib, kunflitti u terroriżmu li diversi partijiet tad-dinja, inkluż dawk viċini għal Malta, jinsabu għaddejjin minnhom jew mhedda bihom.

L-esperjenzi ta' pajjiżi oħra (anke fl-Unjoni Ewropeja) li seħħew riċentement, għandhom jiftħu għajnejn kulħadd għar-riskji serji li tali

fenomenu t'immigrazzjoni illegali b'dokumenti foloz jista' jġib miegħu għan-nies innoċenti.

Il-Qorti qieset li l-imputati ikkoperaw mal-pulizija, ghandhom fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija taghhom.

**Decide:**

Illi għalhekk fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Artikolu 5 tal-Kapitolu 61, Artikolu 189 tal-Kap 9 u Artikolu 32(1)f tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddeċiedi li issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kif addebitati fil-konfront tagħhom u tikkundannahom sitt (6) xhur priġunerija kull wiehed.

Fl-ahharnett il-Qorti tinforma lill-Uffiċjal Priniċipali tal-Immigrazzjoni li hekk kif l-ħatja jiskontaw is-sentenza jkunu ripatrijatti f'pajjizhom l-Albanija b'mod immedjat.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**